C/2026/2184

15.4.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12331 – EEE / EDF RP / ME KOBIERNICE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/2184)

1. Fis-7 ta' April 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Eurus Energy Europe B.V. ("EEE", in-Netherlands), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn Toyota Tsusho Corporation ("TTC", il-Ġappun),

— EDF Renewables Polska sp. z o.o. ("EDF RP", il-Polonja), li tappartjeni lill-Grupp EDF, fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata mill-Istat Franċiż,

— ME Kobiernice sp. z o.o. ("ME Kobiernice", il-Polonja), attwalment proprjetà sħiħa ta' EDF RP.

EEE u EDF RP se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' ME Kobiernice.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— EEE tiżviluppa, tinvesti u topera fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli madwar id-dinja, b'enfasi fuq proġetti eoliċi u fotovoltajċi fuq l-art,

— EDF RP tiżviluppa, tibni, topera u żżomm proġetti ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija mir-riħ, mix-xemx u mill-batteriji (BESS) fil-Polonja.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' ME Kobiernice huma l-iżvilupp, il-bini u l-operat ta' proġett BESS f'Kobiernice, il-Polonja.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12331 — EEE / EDF RP / ME KOBIERNICE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË